

EBA/GL/2020/10

23 ta' Lulju 2020

## Linji Gwida

---

dwar il-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji pramatiku tal-2020 fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19

# 1. Konformità u rapportar

---

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup> għas-sena 2020 (SREP prammatiku tal-2020). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni jeħtieġ li jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-linji gwida, għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifika lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk humiex biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità, sal-25 ta' Settembru 2020. Fin-nuqqas ta' notifika sa din l-iskadenza, l-awtorità kompetenti se titqies mill-EBA bħala mhux konformi ma' dawn il-linji gwida. In-notifikasi għandhom jintbagħtu billi tīgi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2020/10". In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa sabiex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rrapporiat ukoll lill-EBA.
4. In-notifikasi se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

### Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw l-applikazzjoni pramatika tal-Linji Gwida EBA/GL/2014/13 (il-Linji Gwida dwar is-SREP) għall-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji għaċ-ċiklu tas-SREP tal-2020.

### Destinatarji

6. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## 3. Implementazzjoni

---

### Data ta' applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida japplikaw mit-23 ta' Lulju 2020.

## 4. Is-SREP tal-2020 fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19

---

8. Fil-Linji Gwida dwar is-SREP, jiddaħħal paragrafu 15a ġdid wara l-paragrafu 15 hekk kif ġej:

“L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaġġustaw il-valutazzjonijiet għaċ-ċiklu tas-SREP tal-2020 biex jiġu riflessi ċ-ċirkostanzi eċċeżżjonali li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19 u sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni aġġustata ta’ dawn il-linji gwida matul il-kriżi tal-COVID-19. Fejn isir hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-aġġustamenti tagħhom jikkonformaw mal-ANNESS 4.”

9. Fil-Linji Gwida dwar is-SREP, jiddaħħal l-ANNESS 4 ġdid wara l-ANNESS 3 hekk kif ġej:

### “ANNESS 4

#### L-enfasi tas-SREP tal-2020 fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19

1. Għall-identifikazzjoni tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet l-aktar rilevanti għall-istituzzjonijiet fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 l-informazzjoni li ġejja mill-istituzzjonijiet għandha titqies bħala l-input ewleni tas-SREP, kif xieraq:
  - a. bidliet materjali;
  - b. riskji u vulnerabbiltajiet ewlenin;
  - c. l-ICAAP u l-ILAAP.
2. L-ICAAP u l-ILAAP għandhom jipprovd appoġġ lill-valutazzjoni ġenerali tal-awtorijtajiet kompetenti fir-rigward tas-solidità u l-vijabbiltà tal-istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni aġġornata tal-ICAAP/ILAAP, jekk jikkunsidraw li dik l-informazzjoni rilevanti għall-applikazzjoni ta’ dawn il-linji gwida tkun saret obsoleta; inkella, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jserrħu fuq l-informazzjoni digħi disponibbli.
3. In-natura speċifika tal-istituzzjoni tar-reviżjoni superviżorja ma għandhiex tkun affettwata mis-SREP prammatiku tal-2020.
4. Meta jiffokaw il-valutazzjoni tagħħom tas-SREP prammatiku tal-2020, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kif xieraq ir-riskji/kontrolli tar-riskju li ġejjin:

- ir-riskju tal-kreditu, b'mod partikolari l-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu u x-xejriet u l-kopertura tal-provvista;
- il-likwidità u r-riskju tal-finanzjament;
- ir-riskju operattiv b'enfasi fuq is-sigurtà tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-kontinwità tan-neozju<sup>2</sup>;
- il-profitabilità u l-qafas usa' tal-mudell tan-neozju, b'rabta mal-
- arranġamenti ta' governanza, jiġifieri jekk dawn jippermettux l-allinjament mgħażżeġ tal-istrateġiji u l-proċeduri relatati u l-kapaċità tal-amministrazzjoni li tiżgura l-implementazzjoni fil-pront.

## Il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni ġenerali tas-SREP

5. Il-valutazzjoni ġenerali tas-SREP dwar il-vijabbiltà ta' iċ-ċitatjoni għandha tirrifletti l-konklużjonijiet tar-reviżjoni superviżorja mwettqa skont dan l-anness bl-eżerċizzju ta' sentenza superviżorja.
6. Fi ħdan is-SREP iffokat u prammatiku tal-2020 l-evalwazzjonijiet tar-riskju u tal-vijabbiltà assenjati fiċ-ċiklu tas-SREP preċedenti jistgħu jibqgħu l-istess.

## L-iskeda taż-żmien tas-SREP fl-2020

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġustaw u jestendu kif xieraq iċ-ċiklu prammatiku tas-SREP tal-2020 sabiex jiffaċilitaw il-fehim tal-implikazzjonijiet tal-kriżi u sabiex tīgi żgurata valutazzjoni aktar robusta.

## Miżuri superviżorji

### Ir-rekwiżiti tal-Pilastru 2 (P2R)

8. Wara s-SREP tal-2020, id-determinazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali (P2R) biex ikopru r-riskju ta' telf mhux mistenni jew ta' telf mistenni li mhux kopert bizzżejjed għandha timmira biex tindirizza r-riskji u l-vulnerabbiltajiet li huma l-aktar materjali għall-istituzzjoni fil-kuntest tal-kriżi.
9. Fejn ikunu qed jiġu stabbiliti r-rekwiżiti ta' fondi proprji (P2R) addizzjonali, ir-rekwiżiti digħi imposti wara ċ-ċiklu tas-SREP preċedenti jistgħu jibqgħu ma jinbidlux, meta dan jitqies xieraq. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti f'kull ħin.

---

<sup>2</sup> F'konformità mal-enfasi deskritta fid - [dikjarazzjoni tal-EBA dwar ir-reżiljenza operattiva fil-pandemija tal-COVID-19](#).

10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-flessibbiltà fl-adattament tal-kwalità tal-kapital li l-istituzzjonijiet jitħallew jużaw biex jissodisfaw il-P2R, filwaqt li jiżguraw kopertura soda tar-riskju u l-kompożizzjoni minima stipulata fil-Linji Gwida dwar is-SREP.
11. It-ħassib superviżorju li joħroġ miċ-ċiklu tas-SREP prammatiku tal-2020 għandu jkun indirizzat primarjament b'miżuri kwalitattivi.

## Gwida dwar il-Pilastru 2

12. Meta jkunu qed jiddeterminaw u jistabbilixxu I-P2G, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġixxu skont il-mudell ta' impenn minimu. Meta dan ikun iġġustifikat minħabba inċertezzi dwar is-sensittivitā tal-istituzzjoni fir-rigward ta' xenarji avversi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżommu I-P2G iddeterminat u stabbilit matul iċ-ċiklu tas-SREP preċedenti.
13. Meta, fil-kuntest taċ-ċiklu tas-SREP prammatiku tal-2020, il-fondi proprji tal-istituzzjoni jinżlu, jew huma x'aktarxi li jinżlu, taħt il-livell determinat mill-P2G, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jittolleraw li dik l-istituzzjoni topera b'mod temporanju taħt dak il-livell iżda għandhom jitħolbu lill-istituzzjoni biex tirrapporta dan mingħajr dewmien żejjed. Huma għandhom jipparteċipaw fi djalogu superviżorju msaħħaħ ma' dik l-istituzzjoni, billi jagħmlu ħilithom biex jifhmu l-qafas ta' żmien għar-restawr eventwali tal-kapital P2G tagħha, li jista' jestendi lil hinn mill-2020.

## Is-SREP fil-kuntest transkonfinali fl-2020

14. Is-superviżur konsolidant u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jaħdmu biex jaqblu dwar id-determinazzjoni komuni fir-rigward ta' jekk il-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji għaċ-ċiklu tas-SREP tal-2020 hux se jitwettaq bl-applikazzjoni ta' dan l-anness jew mingħajrha għall-entitajiet kollha tal-grupp. Madankollu, is-superviżur konsolidant għandu jkun jista' jiddeċiedi jekk il-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji għaċ-ċiklu tas-SREP tal-2020 hux se jitwettaq bl-applikazzjoni ta' dan l-anness jew mingħajrha għall-impriża prinċipali tal-UE, u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jagħmlu l-istess għall-entitajiet tal-grupp taħt il-mandat superviżorju tagħhom.
15. Minkejja l-paragrafu 14, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 7 fil-gruppi transkonfinali, is-superviżur konsolidant u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jiddiskut u jaġġornaw fejn meħtieġ l-iskeda tad-deċiżjonijiet konġunti stabbilita fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014.<sup>3</sup>

---

<sup>3</sup> Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014 tat-23 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implementazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet uniformi tal-applikazzjoni tal-proċess ta' deċiżjonijiet konġunti dwar ir-rekwiżiti prudenzjali spċċiċi għall-istituzzjonijiet skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 188/19 tas-27.6.2014).

16. Minkejja l-paragrafu 14, is-superviżur konsolidant u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jiddiskutu fil-kolleġġ superviżorju l-enfasi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kapital u tal-likwidità waqt li jikkunsidraw ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet ewlenin kif stipulat fil-paragrafu 4 u għandhom jikkunsidraw kunsiderazzjonijiet speċifiċi għall-istituzzjoni kif stipulat fil-paragrafu 3.
17. Filwaqt li japplikaw l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014 matul iċ-ċiklu prammatiku tas-SREP tal-2020, is-superviżur konsolidant u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħdmu sabiex jiżguraw li jinżamm il-kontenut obbligatorju tad-deċiżjonijiet konġunti iżda fil-kuntest tas-SREP prammatiku kif stipulat f'dawn il-Linji Gwida, meta rilevanti.”